# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

It-Tnejn, 23 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 51.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

51.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsillier JBO ma setax ikun preżenti u talab li jkun skużat.

51.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

51.2.1. Il-Sindku JC ressaq il-minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

51.2.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

51.2.2. Il-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal-minuta 50.2.13 li titratta l-iffirmar ta' ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-asfaltar ta' Triq il-Qroll, u informa li l-kuntratt ġie iffirmat.

51.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 50.2.4 li titratta tpoġġija ta' ramel fejn il-pont tal-Bajja s-Sabiħa u staqsa jekk ġietx maħluqa problema ta' sadd fil-katusi.

51.2.3.1. Is-Sindku informa li l-katusi għadhom miftuħin, u f'każ ta' xita, ir-ramel jiġi mkaxkar. Nelfrattemp huwa tajjeb is-*sedimentation tank*, li ġie propost lil MTA.

51.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 50.2.7 li titratta Triq F.M. Ferretti u Triq il-Batterija u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

51.2.4.1. Is-Sindku informa li din il-materja għadha għand il-perit, iżda fakkar ukoll fit-talba tal-Kunsill lil *Transport Malta* sabiex jitwaħħlu l-*bollards* kif propost minnhom fil-passat, quddiem Triq iż-Żejtun.

51.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 50.2.16 li titratta l-bust ta' San Ġorġ u staqsa dwar il-possibbiltà' li tiġi studjata l-iskema maħruġa mill-Arts Council sabiex possibilment il-bust isir permezz ta' xi artist lokali, taħt din l-iskema.

51.2.6. Il-membri tal-Kunsill għamlu referenza għax-xogħolijiet li għandu pendenti l-Kunsill, fosthom Triq il-Brolli, *Traffic Management* fi Triq Santa Rita, kif ukoll ix-xogħol fl-iskatepark fost oħrajn.

51.2.6.1. Is-Sindku informa li l-problema ġejja minn nuqqas ta' kuntratturi disponibbli, u li bħalissa hija evidenti l-problema sabiex issib nies li lesti jaħdmu.

51.2.7. Il-membri tal-Kunsill għamlu referenza għax-xogħol fl-iskatepark li fil-preżent huwa wieqaf.

51.2.7.1. Il-Kunsill iddiskuta liberament ix-xogħol f'dan il-proġett, fejn ġie unanimament maqbul li s-sitwazzjoni mhijiex waħda tollerabbli u li ġranet mhux jinżammu u l-Kunsill mhux dejjem jingħata informazzjoni meta jitlob.

51.2.7.2. Il-Kunsill qabel li immedjatament għandu jitlob lill-Uffiċċju tal-President sabiex ir-ramel li tħalla munzell u li kellu jitneħħa sa nofs Lulju, jitneħħa b'mod immedjat. Jekk hemm bżonn jiġi marbul, u jerġa jitpoġġa fil-bajja kif jitlesta x-xogħol

## 51.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

51.3.1. Is-Sindku JC għamel referenza għall-*European Mobility Week.*

51.3.1.1. Il-Kunsill qabel li jsiru preparamenti għall-miżura permanenti. Il-Kunsill SZ aċċetta l-inkarigu li jħejji l-applikazzjoni.

51.3.2. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charles Caruana li tirrigwardja l-iżvilupp fil-klabb tal-*waterpolo*.

51.3.2.1. Il-Kunsill innota li l-każ huwa magħluq, u l-Kunsill m'għandux jidħol iktar f'dan il-każ partikolari.

51.3.3. Is-Sindku JC ressaq suġġeriment mill-Kappillan sabiex jiġu pprovduti *mobile toilets* waqt Lejla Sajfija li ser tinżamm fit-28 u 29 ta' Lulju fuq iz-zuntier.

51.3.3.1. Il-Kunsill qabel li jipprovdi *mobile toilets* għal waqt l-attività.

51.3.4. Is-Sindku JC ressaq talba sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fix-Xatt ta' San Ġorġ.

51.3.4.1. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għal tali spazju ta' parkeġġ mal-ġenb tar-ristorant. Il-Kunsill qabel li għandu jitnaqqas spazju simili mill-parkeġġ ta' San Ġorġ.

51.3.5. Is-Sindku JC ressaq talba sabiex jingħata spazju ta' parkeġġ riservat minħabba tieġ f'ristorant fil-Qajjenza.

51.3.5.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill ma qabilx li jinħargu tali permessi.

51.3.6. Is-Sindku JC ressaq ċirkolari SPI 9-2018 – Skema Finanzjarja Favur il-Komunità; - Librerija Reġjonali u Lokali.

51.3.6.1. Il-Kunsill approva li jipparteċipa, permezz ta' applikazzjoni għall-xiri ta' *aircondition*, u kotba, b'valur finanzjarju bħal dak tas-sena l-oħra.

51.3.7. Is-Sindku JC ressaq ittra mibgħuta minn Avv. Peter Paul Zammit, fejn talab il-Kunsill għan-nom ta' resident, sabiex ma jagħtix permessi ta' imwejjed u siġġijiet quddiem fond bin-numru 26/27.

51.3.7.1. Il-Kunsill innota li permessi jinħarġu fuq art pubblika, skont il-bżonn, u skont il-liġi.

51.3.8. Is-Sindku informa dwar l-istima ta' Triq il-Musbieħ u Triq il-Bżulija, li jammontaw kif indikat hawn taħt:

Triq il- Musbieħ: Bankini - € 6,993 + VAT
Triq il- Musbieħ: Asfalt - € 23,196 + VAT
Triq il-Bżulija: Bankini - € 8,823 + VAT
Triq il-Bżulija: Asfalt - € 28,981 + VAT

51.3.8.1. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jipproċedi bl-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex jintuża il-fond disponibbli.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

51.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku JC għalxiex il-pagament tal-każini tal-baned baqgħu ma ħarġux meta dawn ġew approvati mill-Kunsill.

51.4.1.1. Is-Sindku informa li l-ammont ma kienx dak li kien infurmat bih.

51.4.1.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jinħareġ il-pagament, ladarba kien ikopri l-ammont kif maqbul.

51.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-possibbiltà li l-*bye-law* Xorb f'kontenituri tal-Ħġieġ f'postijiet Pubbliċi tinġieb għall-attenzjoni tal-istabbilimenti kkonċernati, speċjalment għal żmien il-festa. Il-Kunsill qabel.

51.4.3. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal Bengħisa peress li għada magħluqa / mhux lesta. Huwa staqsa dwar jekk hemmx xi programm b'dati ta' tlestija. Huwa kien infurmat li din l-informazzjoni mhijiex għad-dispożizzjoni tal-kunsill.

51.4.4. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk hux ser isir xi taraġ fix-xatt tal-Qajjenza, fejn hemm *railing* maqlugħ. Is-Sindku informa li hekk hemm pjanat.

51.4.5. Il-Kunsilliera LAG għamlet referenza għal-Triq in-Noqra u infurmat li hemm numru ta' residenti ta' nazzjonalitajiet barranin li qed joħorġu l-iskart f'ħinijiet varji, u jarmu barra b'mod abbużiv. Hija infurmat ukoll b'rapporti li qed ikun hemmxi ġrieden. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lir-residenti, kif ukoll isir rapport lir-*Rodent Control.*

51.4.6. Il-Kunsilliera LAG staqsiet jekk jistawx jerġgħu jitwaħħlu l-*bollards* fil-*promenade*, qabel tinżel ir-rampa li tagħti għall-bajja.

51.4.6.1. Is-Sindku JC informa li dawn għalissa ma jistgħux jitwaħħlu minħabba li għadhom neżlin il-vetturi ta' kostruzzjoni.

51.4.7. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar possibbiltà li titnaddaf għalqa mitluqa fi Triq iċ-Ċief.

51.4.7.1. Is-Sindku wieġeb li dik hija għalq privata, madankollu, il-Kunsill naddaf l-iskart li intefa'.

51.4.8. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-possibbiltà li jitwaħħlu iktar kontenituri tal-iskart, speċjalment fin-naħa ta' Għar Ħasan.

51.4.8.1. Il-Kunsill qabel li jinxtraw għaxar (10) kontenituri oħra u jitwaħħlu skont il-bżonn.

51.4.9. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-istat tas-sur li jinsab fi Triq San Patrizju. Hija rrakkomandat li l-Kunsill japplika għar-restawr hekk kif toħroġ l-iskema tar-Restawr.

51.4.10. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal-latrini pubbliċi u staqsiet lis-Sindku dwar miljorament fis-servizz, minħabba li qed ikunu maħmuġin kif ukoll jagħlqu qabel.

51.4.10.1. Is-Sindku qal li ser isir miljorament fil-post.

51.4.10.2. Il-Kunsill qabel li s-servizz għandu jitjieb.

51.4.10.3. Il-Kunsill qabel li jsiru tabelli informattivi bil-ħinijiet.

51.4.11. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-bordura tal-ħaxix fil-Bajja s-Sabiħa, minħabba li din mhijiex estitikament sabiħa, kif ukoll qed toħloq numru ta' inkonvenjent, bħal post għall-ħmieġ, insetti, u anke ġrieden.

51.4.11.1. Is-Sindku informa li din it-tip ta' pjanta hija protetta. Huwa informa li diġà ressaq il-proposta tal-Kunsill sabiex possibbilment jinqala' il-*hedging* tal-ħaxix u minflok isir *railing* u *posts* bil-qsari.

51.4.12. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku jekk hux minnu li l-kuntrattur tat-*Tipper Truck* qed jagħmel ġabriet ta' skart goff għand ir-residenti, u dan skont kif ġiet mgħarrfa hija.

51.4.12.1. Is-Sindku JC informa li dan is-servizz jintuża sabiex jinġabar skart mormi illegalment u mhux għand ir-residenti

51.4.13. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-*Bring in Sites* ta' Dawret Qalb Imqaddsa, u talbet lis-Sindku sabiex jieħu ħsieb it-tindif ta' madwarhom.

51.4.14. Il-Kunsilliera JBD ressqet mistoqsija lis-Sindku dwar x'sar mill-*fencing* li kien hemm fil-grawnd tar-ramel fil-Bajja s-Sabiħa, u li issa inqala biex weħel il-ġdid.

51.4.14.1. Is-Sindku JC informa li dan ix-xogħol sar mill-Kuntrattur skont l-istruzzjonijiet tal-MTA, u għalhekk din l-informazzjoni trid tintalab lill-MTA.

51.4.14.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba għall-informazzjoni lill-MTA, u li għandu jintalab il-*fencing* lura u imbagħad jara l-Kunsill kif l-aħjar li juża.

51.4.15. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-possibiltà li jsir *railing* temporanju fil-prominad ta' Wied il-Buni.

51.4.15.1. Is-Sindku informa li jekk il-Kunsill jipprovdi l-materjal, il-garaxx tal-Gvern lest li jaħdem ir-*railing*.

51.4.15.2. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi pprovdut il-materjal neċessarju.

51.4.16. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-art f'Wied il-Buni li għaliha il-Kunsill diġa' għandu l-permessi sabiex isir parkeġġ, u staqsa l-Kunsill x'ser jagħmel. Huwa irrimarka li jekk ser isir parkeġġ ieħor, dan għandu jkun addizzjonali ma dak ta' Wied il-Buni.

51.4.17. Il-Kunsilliera LAG staqsiet dwar possibbiltà li tiġi introdotta l-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Hija kienet infurmata li l-Kunsill diġa' daħħal applikazzjoni għal dan il-għan, iżda applikazzjonijiet ġodda, apparti dawk diġà approvati, mhux qed jiġu kkunsidrati.

51.4.18. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibbiltà' li ssir żona għall-għawm ħdejn il-klabb tal-*waterpolo*.

51.4.18.1. Huwa kien infurmat li ser titressaq it-talba lill-Ministeru tat-Turiżmu

51.4.19. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal ċaqliq ta' *zebra crossings* fi Triq Birżebbuġa. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.

51.4.20. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-Klabb tal-Boċċi, fejn irrimarka li huwa tajjeb li għandu skip sabiex jiddisponi mill-iskart, madankollu dan qed iwassal biex jinġema' skart residenzjali biswit. Huwa rrimarka li l-idejal hu li dan jitpoġġa x'imkien ieħor.

## 51.5 Rapporti;

51.5.1. Il-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

51.5.1.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tar-rapport msemmi. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 51.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

51.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 51.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

51.7.1. Il-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 07/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

51.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier AC , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

51.7.2. Il-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Ġunju 2018 bir-riferenza 06/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

51.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

51.7.3. Il-Sindku JC ppropona li jinxtraw pjanti sabiex jinbidlu dawk li mietu fi Triq Żarenu Dalli.

51.7.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jinxtraw 15-il pjanta, u jintużaw fejn hemm bżonn, eskluż fi Triq Zaren Dalli, minħabba li qed jiġu vvandalizzati.

## 51.8 Mozzjonijiet;

51.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 51.9 Delegi u Responsabiltajiet;

51.9.1. Is-Sindku JC irrimarka li insegwitu tad-deċizjoni tal-Viċi Sindku JB, li jirriżenja mid-dekasteri u responsabiltajiet kollha li kellu assenjati, is-Sindku qassam dawn id-derogi lill-membri tal-Kunsill. (Anness Dok B).

## 51.10 Festa 2018;

51.10.1. Is-Sindku fakkar li insegwitu ta' dak li ġie diskuss f'laqgħat preċedenti, kif mitlub, iż-żewġ każini bagħtu il-qisien tal-planċieri. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li ż-żewġ planċieri joqogħdu mill-qisien fuq l-istess naħa tat-triq, jiġifieri faċċata tal-Knisja.

51.10.2. Il-Kunsill innota li l-problema hija dwar il-planċier tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru, u li jsir xi jsir, dejjem ħa jkun hemm problemi.

51.10.3. Il-membri tal-Kunsill iddiskutew liberament iċ-ċaqlieq tal-planċier, b'diversi punti u argumenti imressqa u diskussi.

51.10.4. Is-Sindku ppropona li l-membri tal-Kunsill jagħtu d-deċizjoni finali tagħhom u b'hekk jittieħed vot ta' x'għandu jsir. Is-Sindku JC, u l-Viċi Sindku JB ipproponew li l-planċier jiċċaqqlaq u jintrama faċċata tal-knisja, suġġett li ssir verifika fuq il-post li ma jintlaqtux ħażin ir-residenti, u jekk ikun hekk, jibqa' kollox kif inhu. Il-Kunsillier SZ u Kunsilliera LAG ppropronew li jibqa' fejn hu. Il-Kunsillieri JBD u AC astjenew. Għaldaqstant ir-riżultat ikun li għandu jiġi propost li l-planċier jiċċaqlaq u jintrama faċċata, suġġett għall-fatt li ssir verifika fuq il-post li ma jinħoloqx inkonvenjent lir-residenti.

51.10.5. Il-Kunsill iddiskuta t-*traffic management* propost għall-ġimgħa tal-festa, u qabel li jsir xi aġġustament żgħir sabiex it-traffiku jimxi aħjar.

51.10.6. Il-Kunsill iddiskuta talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru, sabiex jintrama tapit tan-nar fi Triq il-Kurat Fenech, u jekk dan mhuwiex possibbli, jintrama taħt il-bankina taz-zuntier. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni sabiex dan isir taħt il-bankina taz-zuntier.

51.10.7. Il-Kunsill iddiskuta żona fejn jista' jitpoġġa l-kontenitur tal-proġett żgħir Plastikaxxa fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir ix-xatt fir-ramla.

51.10.8. Il-Kunsill qabel li jassisti permezz ta' tabelli indikattivi, sabiex tinfetaħ żona ta' parkeġġ temporanja għal-żmien il-festa.

## 51.11 Traffiku u Parkeġġ;

51.11.1. Il-Kunsillier SZ ippropona li jsir spazju ta' parkeġġ fit-*traffic island* li hemm eżattament quddiem l-għassa, u li dan għandu jkun bil-ħin, eżempju ta' nofs siegħa. Tali spazju iservi sabiex klijenti jkunu jistgħu jinqdew.

51.11.1.1. Il-Kunsil qabel.

51.11.2. Il-Kunsill tkellem dwar talba riċevuta sabiex isir spazju ta' parkeġġ riservat għall-ħatt u tagħbija fi Triq Birżebbuġa, fil-parti ta' fejn hemm l-għassa tal-Pulizija.

51.11.2.1. Il-Kunsill approva li ssir talba lil-Transport Malta.

51.11.3. Il-Kunsill tkellem dwar iċ-ċaqliq temporanju ta' linji ta' parkeġġ fi Triq San Edwardu, u li tali ċaqliq ser ikollu effetti negattivi.

51.11.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li dan għandu jibqa' kif inhu.

51.11.4. Il-Kunsill tkellem dwar linji ta' parkeġġ fi Triq Arturo Issel.

51.11.4.1. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-linji fin-naħa ta fejn hemm is-*soft area*.

51.11.5. Il-Kunsillier SZ irrakkomanda li Fi Triq il-Brolli, kantuniera ma' fejn hemm il-garaxx tal-Kasparell, issir kaxxa tal-mutur bejn l-oħrajn.

51.11.5.1. Il-Kunsill qabel.

**NB – 8.30pm: Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża sa massimu ta' siegħa.**

## 51.12 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

51.12.1. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 5998/18 *To Construct Multistory Car Park*, Triq San Patrizju.

- Wara diskussjoni libera l-Kunsill unanimament qabel li m'għandux oġġezzjoni għall-kunċett ta din l-applikazzjoni li għandha ttaffi l-problema ta' parkeġġ.

51.12.2. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 5904/18 li tirrigwarda żvilupp residenzjali f'sit, fi Triq il-Port Ħieles, Sqaq il-Gurgier.

51.12.2.1. Il-Kunsill ma kellux kummenti.

## 51.13 Street Lighting;

51.13.1. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta sabiex issir bozza f'Ħas Saptan, faċċata tal-entratura tal-Enemalta.

51.13.1.1. Il-Kunsill qabel.

## 51.14 Attivitajiet tal-Kunsill;

51.14.1. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' tar-Regatta f'Birżebbuġa u innota l-bżonn li ssir laqgħa mal-President tal-Għaqda tar-Regatta u Qdif ieħor.

51.14.1.1. Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ din il-laqgħa.

51.14.2. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' ta' Jum Birżebbuġa.

51.14.2.1. Il-Kunsill qabel li jiġi allokat fond daqs dak tas-sena l-oħra, li kien jammonta għal €1,700.

51.14.2.2. Il-Kunsilliera JBD ser tieħu ħsieb il-programm. Il-Kunsillier AC offra li jassisti.

51.14.3. Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet marbuta maċ-Chinese Film Festival u informa li f'Birżebbuġa, dawn ser jinżammu fis 17 u 18 ta' Awwissu.

51.14.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jinkera l-armar neċessarju.

## 51.15 Girgħien Development Brief

51.15.1. Is-Sindku JC talab lil Kunsilliera jgħaddu is-suġġerimenti tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

## 51.16 Fond ta' CSR – Malta Freeport;

51.16.1. Is-Sindku informa li intbagħtet it-talba lill-Ministru Konrad Mizzi, f'isem il-Gvern Ċentrali, kif maqbul, sabiex il-Kunsill jingħata tagħrif dwar l-użu ta' dan il-fond.

51.16.2. Is-Sindku informa li wara diskussjonijiet mal-Freeport fir-rigward tat-trasport tal-anzjani, ġie ikkonfermat li l-offerta għanda tiġi ppubblikata mill-Kunsill, u l-*Freeport* jirrimborsa l-ispejjeż.

51.16.2.1. Il-Kunsill qabel li toħroġ l-offerta hekk kif inhu applikabbli.

## 51.17 Post ta' Ħażna tal-Boom tal-*Freeport*;

51.17.1. Il-Kunsill innota talba għal *no-objection* imressqa għan-nom tal- *Malta Freeport*, sabiex il-*boom* tiġi rilokatat fuq l-istess żona, imma fit-sit oppost ta' fejn qegħda bħalissa.

51.17.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 51.18 Skart ta' Entitajiet Kummerċjali;

51.18.1. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart Imħallat fejn staqsa dwar il-ġbir ta' skart iġġenerat mill-istabbilmenti kummerċjali.

51.18.1.1. Il-Kunsill innota li kif infurmati s-sidien rispettivi, l-istabbilimenti kummerċjali, għandhom jieħdu ħsieb l-iskart ġġenerat minnhom.

## 51.19 Ġemellaġġi;

51.19.1. Il-Kunsillier SZ ressaq rapport fuq iż-żewġ offerti ta' ġemellaġġi diskussi fil-laqgħa preċedenti.

51.19.1.1. Il-Kunsill qabel unanimanent li juri l-interess tiegħu mal-lokalita' ta' El Verger, Spanja.

## 51.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.20.1. Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 27 ta' Awwissu, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 27 ta' Awwissu, 2018.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |